MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2011/1

**Christian Formosa**

**vs**

**Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-28 ta' Dicembru 2010, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba ta' Christian Formosa datata 13 ta' Jannar, 2010 u r-risposta tal-intimat Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services datata 29 ta' Jannar, 2010.*

*Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lill-avukat tal-intimat u t-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Ikkunsidra*

*Illi fi ftit kliem il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda 'solar water heater' mixtri mir-rikorrent minghand l-intimat.*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ghalkemm Daniel Healey (li stalla l-'water heater') jallega nuqqas ta' "flow" ta' ilma li kien qed jikkawza il-hruq tal-element, dan ma ssemmiex fir-risposta tal-intimat.*

*Illi l-problemi fuq dan il-'water heater' bdew mal-ewwel kif inxtara.*

*Illi jinghad minghajr tlaqlieq li apparti l-mertu tal-kaz odjern, ir-rikorrent bhala konsumatur kellu jigi trattat b'mod different! u fil-hin.*

*Illi fil-mertu, l-konkluzjoni li wasal ghaliha dan it-Tribunal hi li kien hemm nuqqas ta' konformita fl-oggett mixtri filwaqt li qatt ma gie allegat uzu hazin tal-magna tal-hasil.*

*Illi konsegwentement il-kummercjant irid jipprovdi rimedju kif stabbilit fl-artikoli 74, 75 u 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li l-ghazla tax-xorta ta' rimedju hi f'idejn il-akonsumatur.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jordna lill-intimat Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services jaghti 'Sauber Solar Water Heater' gdid bhal dik mixtrija lir-rikorrent Christian Formosa bil-kunsinna u l-istallazzjoni jkunu a karigu tal-istess intimat Joseph Grech u dan fi zmien ghaxart ijiem mill-lum. F'kaz li l-intimat m' ghadx ghandu l-mudell maghzul, ir-rikorrent Christian Formoa*

*jista` jaghzel bejn jiehu l-flus lura u cioe s-somma ta' €1036.57 jew jiehu sistema ohra bl-ammont ta' €1036.57 jitnaqqas mill-prezz bil-kunsinna u l-istallazzjoni ssir minghajr hlas mill-intimat Joseph Grech.*

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales and Service datat 14 ta' Jannar 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex) nhar it-Tlieta, tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet premessi, tordna li l-kawza terga` tinstema' mill-gdid u sussegwentement tghaddi sabiex tiddeciedi l-kaz fuq il-mertu hija stess u dan a tenur tal-**artikolu 22 (4) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat li l-appellati gew notifikati fit-30 ta' Marzu 2011 izda baqghu ma dahlux risposta.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha 8 ta' April 2011 u dan gie differit ghas-seduta tal-Erbgha, 15 ta' Gunju 2011 fejn l-istess gie trattat biss mill-Avukat Dr. Jean Paul Grech li deher ghall-appellant u dan ghaliex l-appellati Christian Formosa u Antonia Formosa ghalkem imsejjhin diversi drabi baqghu ma dehrux u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-Erbgha, 19 ta' Ottubru 2011.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-aggravji tal-appellant huma (a) li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex) hija nulla ghaliex l-okkju tal-istess huwa zbaljat ghaliex inghatat fl-ismijiet **"Christian Formosa vs Joseph Grech ezercitanti taht l-isem kummercjali GDA Sales and Services"** meta fil-fatt l-atturi kienu Christian Formosa u martu Antonio Formosa; apparti dan id-decizjon tkellmet fuq magna tal-hasil meta l-mertu tal-kaz ma kienx dan; (b) li kwantu l-azzjoni hija azzjoni redibitoria din hija preskrivibbli bit-terminu ta' sitt xhur li f'dan il-kaz inghad li

kien identifikabbli mill-ewwel tant li l-ewwel darba li ssemma kien f'Jannar 2007 u la darba t-talba kienet ghar-rifuzzjoni tal-prezz a bazi tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16** mela allura l-azzjoni hija preskritta a bazi tal-**artikolu 1431 tal-Kap. 16** u dan ghaliex l-azzjoni odjerna saret biss fid-19 ta' Ottubru 2009, meta l-kunsinna saret f'Dicembru 2006. Din l-eccezzjoni inghatat fl-Ewwel Istanza izda lanqas biss giet ikkunsidrata u dan ukoll irendi tali decizjoni nulla ghaliex ma gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali; (c) mhux applikabbli l-artikolu tat-Taqsima IX tal-Kap. 378 ghaliex l-atturi bhala kummercjanti ma' ghamlux kuntatt mal-kummercjant bil-miktub fi zmien xahrejn minn meta intebhu bin-nuqqas ta' konformita' skond l-**artikolu 79 (1) tal-Kap. 378** u allura dan ifisser li ma setghux jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 74, 75 u 76 tal-istess Kap;** (d) l-azzjoni hija perenta skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 78 tal-Kap. 378** ghaliex tali azzjoni kellha ssir fi zmien sentejn mid-data tal-konsenja.

Illi dwar l-ewwel aggravju ma hemm l-ebda dubju li l-kawza odjerna saret minn Christian Formosa u martu Antonia Formosa kif jidher mill-Avviz tat-Talba attrici datat 19 ta' Ottubru 2009 u la darba d-decizjoni inghatat fl-isem ta' Christian Formosa biss dan iwassal ghan-nullita tas-sentenza in konformita' ma' dak li gie konstantament deciz mill-Qrati nostrali inkluz fis-sentenza **"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk:-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi l-istess fis-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963):-

*"… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' ta' l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx*

*hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe"** (A.C. 28 ta' Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta' l-attur, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet:-

*"Dan hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001). Hemm l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenzija moghtija fl-14 ta' April 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm*

*differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' ndividwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi l-istess jinghad fid-decizjoni citata mill-appellant fl-ismijiet **"Anthony Debrincat vs Kap Kmandat tal-Forzi Armati"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Lulju 2006 u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh u d-decizjoni qed tigi annulata.

Illi peress li dan huwa appell mit-Tribunal tal-Konsumaturi (Ghawdex) skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 22 tal-Kap. 378, l-artikolu 22 (4)** jipprovdi li:-

*"Meta l-Qorti tal-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, din ghandha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba originali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21".*

Illi la darba din hija ligi specjali din tapplika minflok id-dispozizzjonijiet generali tal-Ligi u ghalhekk f'dan il-kaz dak li l-Qorti ghandha taghmel huwa li fl-ewwel lok tordna l-korrezzjoni tal-okkju ta' din il-kawza u ghalhekk qed tordna li ssir il-korrezzjoni fl-okkju tal-istess kawza b'dan li l-okkju ta' din il-kawza ssir jaqra dak fl-ismijiet ta' Christian Formosa u martu Antonia Formosa u tordna li dan jigi rifless fl-okkju tal-kawza u wkoll fir-rikors tal-appell tal-appellanti odjerni u fl-atti kollha konsegwenzjali u relattivi u ghal dan l-iskop u fl-interess tal-gustizzja tordna li l-atti relattivi u allura din is-sentenza u r-rikors tal-appell tal-appellanti kif korrett jigu kollha notifikati mill-gdid lill-appellati sabiex l-istess appell jigi trattat mill-gdid u ghalhekk dan l-appell qed jigi differit ghan-notifika u finali trattazzjoni kif ser jigi indikat fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravvju tal-

appellant fir-rikors tal-appell tieghu datat 14 ta’ Jannar 2011 u tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet **“Christian Formosa vs Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services”** datata 28 ta’ Dicembru 2010 (CCT/G1/10) bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, in vista ta’ dak provdut fl-**artikolu 22 (4) tal-Kap. 378,** fejn hija din il-Qorti li ghandha tiddeciedi t-talba tal-appellat fil-mertu u allura wkoll il-mertu ta’ dan l-appell, u peress li qabel ma jigi deciz dan huwa mehtieg li jkun korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, u fl-atti kollha relattivi, b’dan li l-isem tal-attur ghandu jizdied il-kliem “u martu Antonia Formosa, b’dan li l-isem tal-kawza ghandu jkun jaqra **“Christian Formosa “u martu Antonia Formosa” vs Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services”** tordna ghalhekk li ssir korrezzjoni fl-okkju ta’ din il-kawza u jizdiedu l-kliem “u martu Antonia Formosa” mal-isem tal-attur Christian Formosa, u din il-korrezzjoni ghandha tigi riflessa fl-atti kollha tal-kawza inkluzi dik tar-rikors tal-appell tal-appellanti u tordna li l-istess jigi notifikat lill-appellati li ghandhom jipprezentaw r-risposta fit-terminu indikat mil-ligi u l-appell jibqa’ differit ghall-finali trattazzjoni ghas-seduta tal-Erbgha 18 ta’ Jannar 2012.

Bl-ispejjez ta’ dan l-appell riservati ghas-sentenza finali.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------